MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2003

Numru. 550/2002

PULIZIJA
SPETTUR ALEXANDRA MAMO
VS
CARMELA GERMAN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Carmela German ta’ 62 sena, mart Ronald, bint Francesco Dalmas u Maria Dolores Demicoli, imwielda Pieta fit-3 t’Ottubru 1940 u residenti numru 151, Geroge Borg Olivier Street, Rabat detentrici tal-karta tal-identita bin=-numru 682440M talli f’dawn il-gzejjer, f’dawn l-ahhar xhur, u cioe fil-perjodu tax-xhur Jannar 2002 u Gunju 2002 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

B’mezzi konta l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi write haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq

haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' aktar minn Lm3000 bi hsara tal-Kanonku Dun Gwann Azzopardi u diversi persuni, bi ksur tal-artikoli 309 u 309 u 310(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Approprijat ruhha minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe hadet flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm3000 liema flejjes jappartjenu lil Kanonku Dun Gwann Azzopardi u persuni ohra, bi ksur tal-artikolu 293 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi Kanonku Dun Gwann Azzopardi ghamel rapport lit-Taqsima tal-Frodi dwar allegat misappproprijazzjoni ta' hamest elef lira da parti tal-imputata.

Ili Spettur Mamo ghalhekk baghtet ghal Kanonku Azzopardi li qalilha li kien gie avvicinat mill-imputata li tigi oht kollega tieghu Mons. Dalmas u li din talbitu jghinha ghaliex kellha bzonn somma flus ghaliex kienet dahlet f'kuntratt dwar proprjeta u li l-flus taghha kienu investit barra min Malta u li s-sensar wara li kien accetta li jithallas fi flus sterlini, rega bdielu u ried jithallas f'liri maltin.

Illi dawn il-flus gew mghoddija lil-imputata fi tlett ammonti u cioe Lm2000 f'cheque datat 5 ta' Frar 2000, Lm500 f'cheque datat 22 ta' Marzu  u Lm1500 f'cheque datat 11

t'April  2002. Dawn ic-cheques kollha gew imsarrfa mill-imputata.

Illi dawn il-flus baqghu ma thallsux u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Inoltre l-imputata, skond Dun Gwann Azzopardi meta kien jitlobha l-flus kienet tghidlu li tal-pjacir kbir li ghamilha riedet tpattielu u qaltlu ghal darba darbtejn biex jmur jixtri computer biex thallsu hi.

Spettur Mamo investigat lill-imputata li rrilaxxat stqarrija dok AM1 a fol 16.

F'din l-istqarrija German ammettiet li sarrfet ic-cheques indikati pero qalet illi hija kienet qalet lil Mons Azzopardi li kellha bzonn il-flus ghal ragunijiet personali u mhux minhabba xi kuntratt ta' proprjeta, qalet wkoll li ma kellha ebda flus depositati barra minn Malta u li hija f'ebda mument ma tat x'jidhem  lil Kanonku Azzopardi illi kellha xi investimenti barra minn Malta.

Dun Gwann Azzopardi fol 17 et seq jikkonferma ix-xhieda ta' Spettur Mamo, u xhed kif  introduciet ruhha l-imputata, kif qaltlu illi kella negozju ta' bejgh/xiri ta' proprjeta, li kellha bzonn ammont ta' flus hawn Malta ghaliex li kellha flus taghha investiti barra u ghalhekk is-sensar taghha kien l-ewwel accetta li jigi imhallas fi sterlini, wara biddel ftehmu u xtaq illi jigi imhallas fi flus kontanti. Illi huwa kien rrilaxxa tlett pagamenti favur l-imputata f'dati fuq indikati  li kellhom jigu imhallsa entro ftit xhur pero l-imputata baqa ma hallsithomx.

Illi fil-mori tal-kawza Dun Gwann Azzoprdi thallas kompletament minghand l-imputata u iritra l-kwerela tieghu.

Ikkunsidrat:-

Illi in vista ta' irtirar tal-kwerela, taqa' l-akkuza tal-misapproprijazzjoni. Illi ghaldaqstant din il-Qorti trid tezamina l-akkuzi tat-truffa u frodi semplici.

Ili l-Art 308 tal-kap 9 tipprovdi:
“Kull minn b’mezzi kontra l-ligi jew billi jaghmel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b’ohra sabiex igieghel jitwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz jew ta’ hila, setgha jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta’ haddiehor, jehel meta jinstab hati ta’ piena minn 4 xhur sa sena”.

Illi skond il-gurisprudenza nostrali taghna, r-reat ta’ truffa jippresupponi qerq sofistikat u komplikat li jwassal sabiex il-vittma taghmel jew tonqos li taghmel xi haga li jwassal ghal telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghal agent (ara Pulizija vs Emanuel Ellul Appell Kriminali 20 ta’ Gunju 1997; Pulizija vs Daniel Frendo Appell Kriminali 25 ta’ Marzu 1994).

Illi skond l-insenjament tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Pulizija vs Carmel Cassar Parnis deciz fit-12 ta’ Dicembru 1939:
“Jekk l-ingann jew il-qerq jikkonsisti f’raggiri jew artifizzji jkun hemm it-truffa; jekk le jkun hemm r-reat minuri ta’ frodi innominata. (ara wkoll Pulizija vs Francesca Caruana Vol XXXVII. IV 1127 u Pulizija vs Giuseppe Schrainer Appell Kriminali deciz 3 ta’ Marzu 1956).

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni ma jirrizultax il-frodi sofistikat li jikkwalifika ghal reat ta’ truffa. Illi ghalkemm jirrizulta illi l-imputata ingannat lil Dun Azzopardi b’negozju ta’ bejgh ta’ proprjeta fittizju, ma ghamlet xejn aktar milli intavolat gidba semplici.

L-imputat infatti ma sahhitx il-gidba semplici taghha billi uriet lil Dun Azzopardi xi kuntratti foloz jew xi investments barranin inveritieri u jidher mix-xhieda globali ta’ din il-kawza illi Dun Azzopardi afda fl-imputata minhabba r-relazzjoni familjari taghha mal-kollega tieghu Dun Dalmas.

Illi l-anqas ma jista jinghad li il-hlas tac-cheque da parti tal-imputata wara “is-self” liema cheque ma setax jigi onorat mill-Bank ma jammonta ghal reat ta’ truffa u dana

in vista tal-insenjament tal-Appell Kriminali fis-sentenza Pulizija vs F Willoughby deciza fit-12 ta' Frar 1999 li f'dik il-kawza bhal din in ezami il-Qorti tal-Appell Kriminali sabet li ma kienx hemm truffa meta ic-cheque ma jkunx il-mezz li bih persuna tigi imgeghla tikkonsenja xi haga ta' valur jew li taghmel haga ohra.

Illi ghalhekk ma jissussistix ir-reat kontemplat fl-Art 308 tal-kap 9.

Illi din il-Qorti pero hi tal-fehma illi jirrizulta pprovat bla dubbju dettat mir-raguni ir-reat aktar minuri u cioe dak ta' frodi innominata kontemplata fl-Art 309 tal-kap 9.

Illi kuntrarjament ghal dak li gie sollevat mid-difiza fit-trattazzjoni, ir-relazzjoni legali bejn l-imputat u Dun Azzopardi ma tinkwadrax taht self semplici izda kien il-frodi prattikat mill-imputata illi wasslet ghal dan il-cosi dett self.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ssib lill-imputata mhux hatja ta' l-akkuza ta' truffa izda hatja ta' frodi innominat, mhux hatja ta' misapproprijazzjoni li minnha qed tilliberaha u wara li rat Art 309 tal-kap 9 u Art 22 tal-kap 446 tillibera lill-imputata bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur u dana wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fatt illi l-imputata hallset il-pendenzi kollha li kellha mal-kwerelanti, il-fatt li si tratta ta' first offender u l-eta avvanzata tal-imputata.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------